# FESTI ĊENTINARJI 1968 FIN-NADUR

Mons. Ġużeppi Cauchi

In-Nadurin għadhom sal-lum isemmu u jiftakru l-festi kbar li kienu saru fis-sena 1968 li bihom tfakkru l-1900 sena mill-Martirju Glorjuż tal-Patruni tagħna San Pietru u San Pawl. Festi li l-Q.T. il-Papa Pawlu VI ried li jiġu ċċelebrati fil-Knisja Kattolika matul dik is-sena, li semmieha **IS-SENA TAL-FIDI.**



Dawk il-festi ma setgħux ma jkunux festi tassew sbieħ u kbar, meta aħna n-Nadurin ta' dawk iż-żminijiet konna, mhux biss kif xtaq il-Papa, qegħdin niċċelebraw avveniment hekk kbir fl-istorja tal-Knisja Kattolika, imma wkoll għax dik kienet l-ewwel sena li fiha l-Kolleġġjata tagħna ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Bażilka.



Wara li f'Ġunju tas-sena ta' qabel, fin-Nadur saru festi sbieħ, ġie deċiż li dik tas-sena 1968 tkun tassew dik li kienet, Festa Straordinarja. Għalhekk immedjatament wara dik il-festa, ġew iffurmati diversi kumitati b'mod speċjali, wieħed fi ħdan il-Kapitlu, ieħor biex jieħu ħsieb il-festi esterni u ieħor fi ħdan il-Banda Mnarja li kellha tkun inawgurata matul dawk il-festi ċentinarji.

Mhux biss aħna li konna fin-Nadur, imma b'mod speċjali ħutna l-emigranti kollha, li l-Bażilka mliethom b'entużjażmu kbir, ħasbu wkoll biex għal dawk il-festi, jiġu u jkunu magħna hawn in-Nadur. Għalhekk ġew ippjanati diversi chartered planes mill-Amerika, il-Kanada, l-Awstralja u l-Ingilterra, biex ma' nofs Ġunju ta' dik is-sena, jitilqu kollox u jirritornaw fin-Nadur, għal dawk il-festi ċentinarji. Dawn l-emigranti ġabu magħhom ukoll xi standardi biex jingħataw lill-Banda Mnarja.



Dan il-pass tal-emigranti Nadurin jissemma wkoll fl-ewwel Innu tal-Banda Mnarja, miktub mill-mejjet is-Sur Joe Borg Attard, *Centinary Celebrations*. *"Mill-bogħod, 'il bogħod inġbarna, nies qlubija Nadurin, għal daw' l-Festi Ċentinarji, ma' twemminna marbutin".* Dan il-vers kien wieħed mill-ewwel Innu Marċja mill-Banda Mnarja f'dawk il-festi.



Hu impossibbli li f'dan l-artiklu nsemmu l-attivitajiet kollha li ġraw f'dawk iċ-ċelebrazzjonijiet. Jiena ser nillimita ruħi għal dawk il-mumenti speċjali li għamlu minn dawk il-festi Ċentinarju li baqa' jissemma.

Wara ħafna preparazzjonijiet, bdejna nhar is-Sibt 15 ta' Ġunju 1968, bil-wasla tar-Relikwija Insinji tad-Driegħ tal-Appostlu San Pawl, meqjuma



fil-Kolleġġjata ta’ San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. Din ir-Relikwija waslet Għawdex fuq il-jott tas-Sur Aristide Psaila, u ttellgħet b’carcade san-Nadur, minn fejn twasslet sal-Bażilka f’pellegrinaġġ aux flambeaux. Hemmhekk Mons. Isqof Nikol Cauchi, għamel diskors ta’ merħba. Inżammet għall-qima sa tmiem il-festi, meta nħarġet ukoll fil-purċissjoni tal-festa merfugħa minn erba’ saċerdoti novelli li ordnaw f’dik is-sena.

Avveniment ieħor importanti u tant mistenni, kien l-inawgurazzjoni tal-Banda Mnarja li sar fil-Pjazza Arċipriet Martin Camilleri ftit qabel it-Tranżlazzjoni tal-festa minn Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta’ Għawdex. Dakinhar il-Banda Mnarja għamlet l-ewwel marċ tagħha fost l-entużjażmu mhux biss tan-Nadurin, imma ta’ tant oħrajn li ġew fostna biex jisimgħu għall-ewwel darba din il-banda il-ġdida t’Għawdex.

Il-Banda Mnarja mxiet minn Pjazza Arċipriet Martin Camilleri għal Triq il-Kbira (illum Triq Diċembru 13) u baqgħet sejra sal-pjazza ta’ quddiem il-Bażilka, fejn flimkien ma’ dawk preżenti, tat merħba lil Mons. Isqof Cauchi, li dakinhar il-Ħadd 16 ta’ Ġunju, mexxa Tranżlazzjoni Pontifikali assistit mill-Kapitlu Katidrali, u li biha fetaħ il-festi ta’ dik is-sena fil-Bażilka.

Fil-jiem ta’ wara, bejn is-17 u l-20 ta’ Ġunju, fil-Bażilka saru Quddies Prelatizji mill-Patrijiet residenti fid-Djoċesi, waqt li diversi baned flimkien mal-Banda Mnarja, għamlu marċijiet mhux biss fit-toroq tal-purċissjoni, imma fil-periferiji tan-Nadur.

Nhar il-Ġimgħa u s-Sibt ta’ wara, 21 u 22 ta’ Ġunju, kien imiss li jiġu fostna u jiċċelebraw quddiesa fil-Bażilka l-parroċċi li ħarġu min-Nadur, ċioè dik ta’ Għajnsielem u dik tal-Qala. Anke f’dawn il-jiem, il-Banda Mnarja li matul dawn il-festi għamlet mhux inqas minn tmien servizzi, kompliet bil-marċijiet tagħha. Matul il-jiem, fit-23 ta’ Ġunju kellna fostna lill-E.T. l-Arċisqof ta’ Malta Mons. Mikiel Gonzi, li assistit mill-Kapitlu Urban tal-Kolleġġjata ta’ San Pawl Nawfragu, tar-Rabat, Malta mexxa Quddiesa Pontifikali. L-Eċċellenzi Tagħhom l-Isfqijiet l-oħra Maltin, onorawna wkoll f’dawn il-festi billi nhar it-Tnejn 24 ta’ Ġunju, l-E.T. Mons. Emm. Gerada, Isqof Titulari ta’ Nomento u Koadjatur ta’ Mons. Arċisqof Gonzi, assistit mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tax-Xagħra, mexxa Quddiesa Pontifikali. Filwaqt li l-għada l-E.T. Mons. Emanuel Galea, Isqof Titulari ta’ Tralles u Vigarju Ġenerali ta’ Malta, mexxa quddiesa oħra pontifikali, assistit mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb. Wara dan il-pontifikal il-Banda Mnarja u dik Leone tal-Belt Victoria, ħadu sehem fid-dimostrazzjoni bl-istatwa ta’ San Pietru u San Pawl fit-toroq tal-purċissjoni.

Qabel dan il-marċ, il-Banda Leone esegwiet fil-pjazza prinċipali l-Innu ‘Su Su Fratelli’, tal-Arċipriet Anton Camilleri. Għadni nara liż-żewġ ex Kappillani Nadurin f’Malta, il-Kan. Dun Pawl Galea (Gżira) u Mons. Anton Rapa (Ħal Tarxien) li dik is-sena ġew magħżulin Kanonċi Onorarji tal-Kolleġġjata tagħna, iċaqilqu xufftejhom u jkantaw dan l-innu mal-Banda.

Avveniment ieħor li mhux ser jintesa mhux biss minn moħħ il-poplu Naduri, imma mill-Għawdxin kollha, kien il-wasla tal-Emm. Tiegħu l-Kardinal Giuseppe Ferretto, il-mistieden prinċipali għal dawn il-festi. Il-Kardinal wasal l-Imġarr fuq il-jott tas-Sur Aristide Psaila, fejn il-Banda Mnarja sellmitlu bid-daqq tal-Innu Pontifiċju, u minn fejn ittella’ sal-Parroċċa b’carcade twila, tant li waqt li l-ewwel muturi kienu fin-Nadur, il-karozza tiegħu kienet għadha quddiem il-Knisja ta’ Sant’ Antnin fl-Imġarr. Fin-Nadur, il-poplu Naduri u dawk preżenti tawh merħba kbira, waqt li l-Banda Mnarja daqqet marċi ta’ ferħ tul it-triq sal-Bażilka.

Mal-wasla tiegħu quddiem il-Bażilka, Mons. Arċipriet Mikiel Portelli għamillu indirizz ta’ merħba. Wara daħal fil-Bażilka u reġa’ sellem il-poplu miġbur hemmhekk. Dik l-okkażjoni ġiet irrapurtata fuq il-mezzi kollha tal-midja lokali.








**Il-Berqa**, il-Ħamis 27 ta' Ġunju 1968 ikkumentat: "*Ingħatat merħba kbira lil Emm. Tiegħu l-Kardinal Ferretto, meta lbieraħ wasal Għawdex biex jippresiedi fil-Festi Ċentinarji ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur... L-Emm. Tiegħu ġie milqugħ fuq il-moll tal-Imġarr mill-Eċċ. Tiegħu l-Isqof Cauchi Amm. Appostoliku għal Għawdex, Dr Anton Tabone President tal-Kunsill Ċiviku, Mons. Mikiel Portelli l-Arċipriet u l-Kapitlu u l-Kleru tan-Nadur u l-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex. Miġbur bi ħġaru quddiem il-Bażilka maestuża ta' San Pietru u San Pawl il-poplu tan-Nadur qed jilqa' b'dimostrazzjoni ta' ferħ lill-Kardinal Ferretto, li fuq il-lemin* (tar-ritratt stampat fuq il-ġurnal) *jidher imdawwar bl-Għawdxin imbissmin. Nies min-Nadur u minn inħawi oħra ta' Għawdex kienu l-Imġarr bil-mijiet biex jagħtu merħba lill-Kardinal. Għadd kbir ta' karozzi u muturi mbagħad telqu quddiem il-Kardinal li kien flimkien mal-Isqof Cauchi... Il-Kardinal imbagħad kixef żewġ Lapidi Kommemorattivi fid-daħla tal-Bażilka*".





L-Emm. Tiegħu l-Kardinal kellu sehem attiv fil-konkużjoni ta' dawn il-festi. Barra l-Quddiesa Pontifikali li saret f'Jum il-Martirju, ippresieda wkoll il-funzjoni tat-tberik u tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-każin tal-Banda Mnarja mill-Kummissarju għal Għawdex il-Kaptan Joe Attard (Naduri).

Wara din il-funzjoni li żgur tniżżlet b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-Banda, il-Kardinal mar fi Pjazza San Pietru u San Pawl biex jippresiedi l-Akkademja Mużiko-Letterarja li fiha ħadu sehem mhux biss il-mużika tal-Kappella Giuseppe Camilleri u l-Kor tal-Ħamrun Malta, imma wkoll diversi persuni li għamlu diskorsi tassew interessanti dwar San Pietru u San Pawl. Fi tmiem din l-Akkademja tkellmu wkoll Mons. Isqof Cauchi u fl-aħħar nett l-Emm. Tiegħu l-Kardinal Ferretto. Għal din l-okkażjoni li saret fil-pjazza quddiem il-Bażilka, attendiet folla mhux biss ta' mistednin u rappreżentanti ekkleżjastiċi u ċivili, imma folla ikbar ta' nies. L-għada, il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju lejliet il-festa, il-Kardinal Ferretto, assistit mill-Kapitlu Katidrali, mexxa l-Primi Vespri tal-Imnarja. Fil-pjazza ta' quddiem il-Bażilka, il-Banda ċittadina King's Own għamlet Programm Mużikali waqt li l-Banda San Ġorġ ta' Ħal Qormi għamlet marċ. Il-Banda San Ġorġ imbagħad għamlet il-programm fil-pjazza waqt li l-Banda King's Own flimkiem mal-Banda Leone għamlu l-marċ ta' lejliet il-festa. Din il-lejla spiċċat bil-logħob tan-nar tal-art maħdum minn diversi kmamar tan-nar li għalih attendiet folla kbira ta' dilettanti.



Is-Sibt 29 ta' Ġunju, l-Għid tal-Appostli San Pietru u San Pawl, filgħodu kellna Quddiesa Pontifikali mill-E.T. il-Kardinal Ferretto assistit mill-Kapitlu Katidrali, fil-preżenza tal-Isqfijiet Maltin u Għawdxin, rappreżentanza tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, u tal-kapitli kollha ta' Għawdex, flimkien ma' rappreżentanza ċivili tal-pajjiż.



Fis-1.00pm il-Kardinal flimkien mar-rappreżentanzi kollha ekkleżjastiċi u ċivili, saċerdoti u seminaristi kollha tal-Parroċċa konna mistiedna għal Pranzu Statali tal-okkażjoni fl-iskola tal-lokal. Immedjatament wara, inżammu t-tiġrijiet tradizzjonali ta' żmien il-Festa tal-Imnarja.

Iktar tard filgħaxija, saru marċijiet minn tliet baned li kienu La Valette tal-Belt Valletta, Duke of Connaught ta' Birkirkara u Leone tal-Belt Victoria. Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa t-Tieni Vespri tal-Festa, u wara l-istess Isqof, mexxa l-purċissjoni pontifikali li fiha kien hemm rappreżentanza tal-Kapitli kollha, il-Parrokat t'Għawdex u tar-reliġjużi residenti fid-Djoċesi. Ir-Relikwija Insinji tad-Driegħ ta' San Pawl ġiet merfugħa minn erba' saċerdoti Għawdxin li kienu ordnati saċerdoti f'dik is-sena. Waqt li l-Banda Leone akkumpanjat din il-manifestazzjoni solenni, il-Baned Maltin għamlu Programmi Mużikali fil-pjazza prinċipali.



Fi tmiem il-purċissjoni, l-E.T. il-Kardinal Ferretto, li minn fuq iz-zuntier qagħad jara din il-purċissjoni, qara Ittra Appostolika mibgħuta mill-Q.T.

il-Papa Pawlu VI u ta l-Barka Appostolika mibgħuta wkoll mill-Papa għal dawn il-festi speċjali. Il-Banda Ċittadina Leone għalqet dawn il-Festi Ċentinarji.



M'hemmx għalfejn nirrepeti li dawn kienu tassew festi uniċi u speċjali, għax min jaqra dan l-artiklu żgur li hekk jikkonkludi. Kumment f'*Il-Ħajja* f'Għawdex, rivista djoċesana tax-xhur ta' Lulju/Awwissu 1968, jgħid hekk dwar dawn iċ-ċelebrazzjonijiet: *"Il-Festi Ċentinarji kienu wkoll mill-aqwa, speċjalment fil-logħob tan-nar tal-art. Kollox ma' kollox il-Festi Ċentinarji kienu verament suċċess li jibqgħu tifkira dejjiema fl-istorja ta'* għeluq is-*Sena tal-Fidi f'Għawdex."*



**It-Torċa** tat-30 ta' Ġunju 1968 ikkumentat hekk: *"L-organizzazzjoni tal-festi kienet waħda perfetta...In-Nadurin irnexxielhom jorganizzaw festa li għad trid tibqa' miftakra matul iż-żmien. Kemm fil-festi li nżammu barra, kif ukoll f'dawk li saru ġewwa mhux biss ħadu sehem in-Naduriżi, imma wkoll eluf ta' nies minn Għawdex kollu u anke minn Malta. F'dawn il-festi ħadu sehem l-ogħla dinjitarji tal-Knisja f'dawn il-gżejjer u nhar l-Erbgħa li għaddew ingħaqad magħhom il-Kardinal Giuseppe Ferretto.*



*Imma bla dubju ta' xejn, wieħed mill-akbar avvenimenti ta' dawn il-festi kien it-tberik u l-inawgurazzjoni tal-Banda Mnarja. Kien biss fi ħdax-il xahar li s-Surmast Anton Bonnici kellu l-ħila jħarreġ lil* ħamsin bandist u jifforma banda li ħadet sehem fil-Festi Esterni*. Imma donnu ma kienx biżżejjed, għax barra minn hekk tpoġġiet ukoll l-ewwel ġebla tal-każin il-ġdid għal din il-Banda, każin li ser ikun kbir u modern, każin li se jkollu fih sala li fiha l-popli tan-Nadur ikun jista' jirrikrea ruħu. Il-festi kbar li nżammu fin-Nadur għad ikunu ta' diskussjoni għal ħafna snin".*



**Lehen is-Sewwa** tal-Ħamis 4 ta' Lulju 1968 kompla jikkummenta: *"Il-preżenza tal-Kardinal Ferretto, mistieden speċjali għal dawn il-festi, qajmet entużjażmu kbir f'Għawdex kollu, li nhar l-Imnarja tela' n-Nadur biex igawdi l-festi kbar li saru...Okkażjonijiet li ġabru folol kbar ta' nies kienu fost l-oħrajn il-wasla tal-Kardinal, nhar l-Erbgħa 26 ta' Ġunju, it-tberik tal-EWWEL ĠEBLA tal-każin ġdid tal-Banda ġdida tan-Nadur, u l-Akkademja Mużiko-Letterarja b'diskorsi tassew sbieħ li saret quddiem il-Knisja Monumentali...Il-Purċissjoni tal-għeluq nhar l-Imnarja filgħaxija kienet prominenti u eċċitanti bil-preżenza fiha ta' diversi Kapitli tal-Kolleġġjati*, Kappillani, Reliġjużi flimkien mal-Isqof u l-Kardinal".

Kien il-Q.T. il-Papa Pawlu VI li din is-sena ddikjaraha bħala Sena tal-Fidi fil-Knisja Universali kollha. Għal din is-sena kemm il-Vatikan kif ukoll lokalment ħarġu settijiet speċjali ta' bolli, kollha kemm huma ddedikati lil San Pietru u San Pawl.



L-Emm. Tiegħu l-Kardinal Ferretto f'ittra li bagħat lil Mons. Isqof Nikol Cauchi li ġġib id-data tal-1 ta' Lulju 1968, kitiblu fost l-oħrajn: *"un grazie di cuore per la bonta' dimostratomi e le premure squisite usatemi in occasione del mio breve, ma indimenticabile e suggestivo passagio per la bella Diocesi di Gozo. Ho lasciato Nadur e gli altri loughi conoscuiti con un senso profondo di ammirazione e di nostalgie".*

Nagħlaq dan l-artiklu kif bdejtu. In-Nadurin dejjem baqgħu jsemmu b'nostalġija dawn il-festi kbar li rnexxielna nagħmlu f'għeluq l-1900 sena mill-Martirju Glorjuż ta' Missirijiet il-Knisja u Patruni tagħna, San Pietru u San Pawl. Jalla dik il-ħeġġa u l-imħabba li wera l-poplu Naduri dakinhar u fis-snin ta' wara ma jmutu qatt, imma mħeġġin nibqgħu ta' kull sena niċċelebraw dawn il-Protetturi Kbar tagħna bi mħabba u b'fidi kbira.